**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2025**

**Rikors nru : 30 /2025 AGV**

**MA**

**-vs-**

**L-Avukat Mattia Felice u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bhala Kuraturi Deputati ghall-assenti DA mahtura permezz ta' digriet nhar it-30 ta' April tas-sena 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta'  MA ;**
**Tesponi reverentement;**

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) gewwa l-Kappella tal-Kapuccini gewwa l-Floriana kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg, anness u mmarkat bhala **Dok. MA1**.

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tliet (3) ulied, ossia  MRA li twieldet nhar l-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), u t-twemin  MY  u G A   li twieldu nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007).

Illi l-partijiet ilhom separate de facto mis-sena elfejn u sebgha (2007) u permezz ta' sentenza sa mill-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024), kopja annessa u mmarkata bhala **Dok. MA2**.

Illi permezz tal-istess sentenza ma gie ordnat l-ebda manteniment dovut la versu l-esponenti jew  DA   u wisq anqas lejn uliedu li ilu li abbanduna diversi snin wara li telaq mill-pajjiz, tant li lit-tewmin ulied il-partijiet huwa qatt ma rahom ghaliex telaq qabel weldithom l-esponenti.

Illi ghalhekk filwaqt li DA att ma ssomministra manteniment ghalihom l-esponenti qieghda tirrinunzja ghal tali manteniment biss ai fini ta' dan ir-rikors ghall-pronunzjament tad-divorzju.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom legalment separati sa minn Dicembru li ghadda, huma ilhom snin twal separati de facto, u li filwaqt li ma tistax tikkummenta dwar il-konvenut stante li mghandha l-ebda informazzjoni dwaru, hija ghandha hajja totalment separata minnu u ilha f'relazzjoni stabbli sa mis-sena elfejn u ghaxra (2010).

Illi l-esponenti qieghda in oltre tesebixxi l-affidavit taghha stess anness u mmarkat bhala **Dok. MA3** permezz ta' liema affidavit hija tikkonferma l-fatti hawn esposti.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob revrentement illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tas-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-kuratur deputat Dr.Mattia Felice iddikajara li huwa ma ghandux kuntatt u ghalhekk m' ghandux provi xi jressaq, u qed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' dil-Qorti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ccelebrat fit- 3 ta’ Novembru 2006.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal ghaxart (10) ijiem.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**